MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 147/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Camilleri talli fl-20 ta' Gunju 2010 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (4.30hrs) gewwa Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba:

(1) saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SQZ-001, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB-852 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Francis Mangion;

(2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Mangion, kif iccertifika Dr. M. Cassar M.D. Reg. 5171, kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-passiggier tal-istess vettura Felix Vella skond kif iccertifikat minn Dr. Zammit M.D. reg. 3741 mill-Isptar MDH;

(3) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura qasam il-linji l-bojod kontinwi;

(4) saq l-istess vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, u (c ) bla kont;

(5) saq kontra s-sinjal tat-traffiku ndikat f'dik il-lokalita`.

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li l-imsemmi Emanuel Camilleri jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-MVR 88 u LN94/69, sabet lill-imsemmi Emanuel Camilleri hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u kkundannatu mitt euro (€100) u ordnat l-iskwalifika tieghu mil-licenzji tas-sewqan ghal zmien gimaghtejn mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre ddikjarat il-procediment ezawrit fil-konfront tat-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjonijiet stante li huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Camilleri pprezentat fil-15 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, minn kull piena u htija, u, fin-nuqqas, illi tbiddel u tirriforma l-

ewwel sentenza billi tirrevoka l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni; (2) li, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma giex ippruvat li Mangion u Vella sofrew sfregju gravi u permanenti fil-wicc; (3) li, bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, ma setax jinstab hati fl-istess hin ta' sewqan b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont; (4) li, bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, huwa jaqla' l-ghixien tieghu bhala *patrolman*, u l-iskwalifika ghalhekk ittellfu gimaghtejn xoghol.

**6.** Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-20 ta' Gunju 2010 fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba, bejn il-vettura Peugeot Partner numru SQZ-001 misjuqa mill-appellant, u l-vettura Mitsubishi Lancer numru DAR-852 misjuqa minn Francis Mangion li mieghu kellu passiggier lil Felix Vella. Il-vetturi spiccaw kif indikat fl-iskizz tal-Pulizija, u cioe` bil-vettura misjuqa mill-appellant parzjalment fuq in-naha opposta tat-triq u l-vettura misjuqa minn Francis Mangion kompletament fuq in-naha hazina tat-triq. Ix-xufiera jaghtu verzjonijiet konfliggenti ta' kif grat il-habta. Skond **Francis Mangion**, huwa hareg ghal gol-*main road* biex imur fid-direzzjoni ta' l-ajruport. Kien miexi fuq in-naha tieghu fejn fuq ix-xellug tieghu kien hemm xi gabbani. X'hin ra karozza gejja lejh kiser lejn il-lemin izda dik il-karozza dahlet fih in-naha tal-passiggier. Huwa kien qieghed isuq bil-mod, jieqaf fejn il-gabbani biex ituh x'jiekol. Waqaf. Saq u l-impatt sar. Kien miexi fuq *second gear*. Sekonda qabel ma gara l-incident kien man-naha tal-gabbana. **Felix Vella** kien passiggier ma' Francis Mangion u li l-ewwel qal li l-gabbani kienu n-naha l-ohra tat-triq, imbaghad li kienu n-naha tieghu. Jghid li kienu mixjin fuq il-*lane* taghhom, il-karozza l-ohra kienet gejja *wrong side* u mad-daqqa gew it-tnejn *wrong side*. Minn meta hargu fil-*main road* sa kemm saret il-kollizjoni ghadda ftit hin. Huma kienu qed isuqu bil-mod izda l-

karozza l-ohra kienet qed tinsaq bis-sahha. Imbaghad ghal mistoqsija tad-difiza: “Ara nghidlekx li Mangion hareg fin-nofs haseb li mhu ser isib lil hadd, kellu l-gabbani hemmhekk allura qabad u hareg lejn in-nofs u sab il-karozza ma’ wiccu, hux dak li gara?” Ix-xhud wiegeb: “Iva.” Skond **l-appellant** huwa ried imur lejn iz-Zurrieq u kien qieghed isegwi t-tabelli *“diversion to Zurrieq”*. Meta kien ghaddej mill-*bypass* ta’ l-iMqabba sab karozza gejja *wrong side* u hu ghafas lejn in-nofs. L-appellant qal illi huwa kien fuq in-naha tieghu tat-triq, u meta ghafas lejn in-nofs qabez il-linja b’rota wahda. Il-karozzi mbaghad spiccaw fil-pozizzjoni kif indikata fl-iskizz. Qal ukoll li l-art kienet tizloq hafna ghax kienet ghamlet l-ewwel xita.

**7.** Minbarra divergenzi bejn iz-zewg xufiera, hemm divergenzi wkoll bejn Francis Mangion u l-passiggier tieghu. Huma divergenzi li din il-Qorti ma tistax tinjora. Minn ezami ta’ l-iskizz jidher car illi n-naha tat-triq mnejn kien qieghed isuq l-appellant kienet aktar wiesa’ min-naha fejn kien qieghed isuq Francis Mangion, u dan minhabba li n-naha ta’ Mangion kien hemm il-gabbani. Fuq in-naha tat-triq ta’ l-appellant ma jirrizulta li kien hemm xejn li jostakolalu triqtu. Jigifieri huwa verosimili li Mangion qabez il-linja tan-nofs. Meta ghamel hekk, huwa fixkel l-*oncoming traffic*. L-iskizz jindika li l-i*spot of impact* kien fuq il-linja tan-nofs (punt D). Dan mhuwiex sorprendenti jekk *in the agony of the collision* l-appellant kiser lejn il-lemin tieghu biex jipprova jevita l-incident. Imbaghad il-pozizzjoni kif spiccat il-vettura ta’ Francis Mangion kompletament fuq in-naha hazina tat-triq aktar tidher li tissufraga l-verzjoni ta’ l-appellant. Ma tistax lanqas din il-Qorti tinjora r-risposta li ta Felix Vella ghall-ahhar domanda tad-difiza. Ghalhekk din il-Qorti, fid-dawl ta’ dan kollu, ma tistax tikkonkludi li l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati mill-prosekuzzjoni.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet u in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt euro (€100) u ordnat l-iskwalifika tieghu mil-licenzji tas-sewqan ghal

zmien gimaghtejn mid-data tas-sentenza appellata, u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ dawk l-imputazzjonijiet u b’hekk tilliberah minn dawk l-imputazzjonijiet u minn kull piena. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------